KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 30 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 9.00pm |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.15pm | 9.00pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | Assenti - | xogħol |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | skużat | marid |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.40pm | 9.00pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35pm | 9.00pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.40pm | 9.00pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.50pm | 9.00pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00(a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 29 tal- 31 ta' Ottubru 2013**

Il-minuti tad-29 Laqgħa tal-31 ta' Ottubru, 2013 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni w ġew approvati unanimament.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Is-Sindku infurmat li dwar item 2.02- Questionnaire dwar ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku, hija kienet ikkonsultat mal-espert f'din il-materja, l-Professur Anton Buhagiar, u dan ikkonferma li r-riżultat tal-kwestjonarju kien validu u għalhekk il-ġbir tal-iskart domestiku kien ser jibqa jsir filgħaxija kif inhu fil-preżent.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista (skeda Nru.18) ta pagamenti li tammonta għas-somma ta' €266,444.87 li minnha ġiet rifuża mill-proġett Archeotur is-somma ta' Ewro 102,307.30. Is-somma netta li tinħareg mill-fondi tal-Kunsill hija ta' Ewro.179,759.39. Din ġiet approvata unanimament. Skeda annessa.

### (b) Lista tal-Works Orders

Ġiet ippreżentata lista ta works orders. Din ġiet approvata unanimament kif ippreżentata.Lista annessa.

### c) Lista tal-Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

### d) Lista ta' Depożiti.

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depoziti bankarji kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta' 14 il-item ta korrispondenza. Id-deċiżjonijiet huma annessi ma dawn il-minuti.

Dwar item 2 tal-korrispondenza: s-Sur Kevin Camilleri kiteb għall-kumpens mill-Kunsill fuq każ ta ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu nhar it-22 ta' Frar 2012. L-inċident kien sar waqt it-terminu tal-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill preżenti ddeċieda li l-każ kien ġie magħluq għaliex kienet diġa ttieħdet deċiżjoni mill-Kunsill preċedenti. Dakinhar il-Kunsill preċedenti kien iddeċieda unanimament li ma jaċċettax responsabilita għal-ħsarat simili.

## 5.00 Rikjesta ta' Twinning Agreement Mosta / Firenze

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie deċiż li l-Kunsill ikun interessat li jagħmel dan it-twinning suġġett għal jekk jinstabux il-fondi neċessarji. Din kienet inizjattiva tal-Ispeaker tal Parlament DR. Angelo Farrugia b'telefonata mas-Sindku.

## 6.00 Contract of Acting Executive Secretary

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia talbet li jiġi diskuss l-item tal-agenda: Estensjoni ta Kuntratt tax-Xogħol tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Saret diskussjoni u sar qbil unanimu illi kien hemm ħtieġa ta kontinwita fl-amministrazzjoni tal-Kunsill u għalhekk ġiet approvata din id-deċiżjoni:

**"John Camilleri l-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti ser jilħaq l-eta ta 62 sena kmieni fis-sena 2014. Il-Kunsill qed jitlob li l-Ministeru jikkonsidra li t-term tiegħu bħala uffiċċjal pubbliku jiġi estiż sal-aħħar tal-leġislatura ta dan il-Kunsill jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2015.**

**In vista ta dan u peress li l-Mosta huwa Kunsill kbir b'numru għaddej ta proġetti hija ta' importanza kbira li jkun hemm kontinwita fl-amministrazzjoni. Barra minhekk is-Sur Camilleri iġib miegħu valur addizzjonali għas-servizz provdut minnu għall-Kunsill minħabba l-esperjenza li għandhu bħala Segretarju Eżekuttiv".**

Is-Sindku ġiet inkarigata tikteb lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Amministrazzjoni Pubblika u Riżorsi Umani fl-Ufficċju tal-Prim Ministru.

## 7.00 Ġnien Reggie Cilia

Il-Viċi Sindku s-Sur Joe De Martino wera x-xewqa tiegħu li dan il-ġnien jiġi imsebbaħ u li jerġgħa jintrama apparat tal-logħob tat-tfal għaliex issa dan il-ġnien kien ilu wisq żmien ittraskurat. Is-Sindku qalet li taqbel li jsir tisbiħ u jiġi stallat *playing equipment* f'dan il-ġnien anke jekk dan ikun fuq bażi temporanja sakemm tittieħed deċiżjoni finali ta kif għandha tiġi żviluppata din l-erja. Il-Kunsillier Keith Cassar qal li kien jeħtieġ li jiġiu nstallati aktar dwal sabiex jiġi evitat il-vandaliżmu. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm bżonn ukoll ta CCTV cameras.

## 8.00 Attendance of Councillors at Meetings and Remuneration

Is-Sindku Dr Shirley Farrugia qalet li kien veramemt disgustanti li wieħed jara n-nuqqas ta' attendenza ta ċerti kunsilliera. Dan jirriżulta mill-lista ta attendenza li kienet qegħda tpoġġi fuq il-mejda. Sar qbil unanimu li remunerazzjoni tal-kunsilliera tibda tingħata biss skont l-attendenza tal-kunsilliera individwali għal-laqgħat tal-Kunsill.

## 9.0 Attivitajiet Pjanati għal Diċembru 2013

Ġew approvati unanimament dawn l-attivitajiet tal-Kunsill

- Ftuħ Uffiċjali tal-Ġnien Ġorg Grognet De Vasse ġewwa Blata l-Għolja fit 8 ta' Diċembru 2013
- Wirja ta l-Għasafar fis-Sala tal-Komunita bejn 13-15 ta' Diċembru 2013
- Jum l-Annimali fil-15 ta' Diċembru 2013
- Laqgħa Annwali Ġenerali fis-17 ta' Diċembru 2013
- Brass Band Mus Soc. Fil. Santa Maria u jsir tlestal-ispjegazzjoni.

Is-Sindku talbet il-kooperazzjoni tal-Kunsilliera kollha għal dawn l-attivitajiet.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fis-7.30 p.m.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv